# Dizzjunarju ta' Sinonmi Maltin bl-etimoloġija tal-kliem

*(Jorbot ma' "Leħen il-Malti" għadd 137-142)*

## APPIK, DALWAQT

*Appik* (qb. Sq. *a+piccu*) jingħad għal xi għamil li wasal *fl-itraf* biex iseħħ; u *dalwaqt* mibni minn *dan il-+waqt* (frażi mixruba, jingħad fis-sens ta' ma jdumx.)

Dawn iż-żewġ avverbi jingħażlu minn xulxin għax, waqt li f'appik l-idija ewlenija hi li għamil sa jseħħ minnufih jew inkella wasal il-ħin tiegħu li jseħħ, f'dalwaqt l-idija ewlenija hi dik li dan il-għamil ser iseħħ u ma jdumx biss. Hekk ngħidu saru l-għaxra, appik biex jasal id-dar. Dalwaqt imut, ma jdumx sena ħaj. *Appik* mela juri għamil li ser iseħħ minn mument għall-ieħor. *Dalwaqt* għamil li ser iseħħ bla dewmien imma fi żmien itwal minn dak li jiftiehem b'appik.

## APTIT, ĠUĦ

*Aptit* (Tal-*appetito* mill-Lat *appetere* xtaq, ixxennaq). Tingħad għal dik ix-xewqa li tħoss ġo fik li tiekol jew tixrob xi ħaġa.

*Ġuħ* (qb. Għ. *ġugħ, hunger*) jingħad dak l-istimolu jew xewqa qawwija ta' l-ikel jonkella xorb. Waqt li f'aptit għandna biss l-idija ta' xewqa ta' ikel jew xorb, f'ġuħ għandna wkoll dik ta' bżonn li dik ix-xewqa ttaffiha billi tiekol jew tixrob xi ħaġa. Għalhekk ngħidu kilt dik il-biċċa ħobż ħażina mhux għax kelli aptitha imma għax kont bil-ġuħ.

*Aptit* jingħad ukoll fis-sens ta' "xewqa, qalb ta' (għamil)" bħal "ma għandix aptit (qalb) nitkellem".

## ARKAN, MISTERJU

*Arkan* (Lat. *Arcanus*) mogħtija mill-Falzon, tingħad għall-pjanijiet moħbija t'Alla jew ta' l-allat li meta taħseb fihom inisslu fik bħal biża ta' xi ħaġa kbira u moħbija li ma tistax tifhimha.

*Misterju* (qb. Tal. *misterio* Gr. *misterion* Lat. *misterium* Għ. *satara*, to hide qb. *satar*) jingħad għal xi ħaġa jew għamil t'Alla li hu mistur jonkella moħbi għal moħħ tal-bniedem; jiġifieri misterjuż u sovrannatural. Għalhekk ngħidu

l-misterju ta' l-Inkarnazzjoni, tal-Fidwa, tat-Trinità, ta' l-Ewkaristija, tar-Rużarju. F'sens ġenerali tingħad misterju xi ħaġa li ma nistgħux nifmuha. Għalhekk ngħidu il-ħajja ta' Lawrence ta' l-Arabja għadha misterju sallum.

Iż-żewġ kelmiet jingħażlu minn xulxin il-għaliex f'arkan mbarra l-idija ta' misterju għandna wkoll l idija tal-biża' li jitnissel mill-kontemplazzjoni tiegħu.

ARRA, TGĦALLAT, TQARRAQ, ŻBALJA

*Arra* (qb. Tal. *errare* Lat. *errare* iġġerra 'l hawn u 'l hinn, ħareġ mit-triq it-tajba). Jingħad meta wieħed jitbiegħed mit-triq tas-sewwa jonkella meta wieħed imur żmerċ fil-ħsieb tiegħu. Għalhekk ngħidu "arra ħafna meta ma ħax ħsieb il-familja". "Arralek, ħsibt li sa ssib ħaġa u sibt oħra" Minn *arra* għandna *erruri* li jingħad għall-kull tagħlim li għax hu ħażin joħroġ mit-triq tal-Fidi. Ngħidu "San Duminku ħada ma l-erruri ta' l-Albiġiżi."

*Tgħallat* (V sura ta' għallat mill-Għ. *għalit*, to make a mistake in calculation (Hava). Jitgħallat dak il-bniedem li jmur ħażin fil-għadd jew fil-kalkoli tiegħu. Ngħidu jitgħallat dak il-bniedem li jaħseb li jgawdi f'din id-dinja u fl-oħra wkoll.

*Tqarraq* (qb. Għ.-Tunisin *qarraq bih*, il insista après lui, il le tourmenta, Eddalil). Ħames sura maħruġa min-nom *qerq*, ingann, jingħad għal min jagħmel ħsieb f'moħħu u dal-ħsieb ma jseħħlux. Ngħidu "titqarraq jekk taħseb li xi ħadd sa jibqa' jafhulek."

*Żbalja* (Tal. *sbagliare* Lat. *svariare*) Jingħad għal min imur żmerċ għax jibdel ħaġa ma' oħra jonkella ma jaħsibhiex biżżejjed; jingħad wkoll għall-min ma jitkellimx xieraq. Għalhekk ngħidu "il-kaċċatur jiżbalja fil-mira. Jiżbalja fil-kliem." Mela f'*arra* għandna żball fl-imġieba jew fil-fehma; f'*tgħallat* fil-kalklu jew l-għadd: fi *tqarraq* fil-ħsieb; *żbalja* fil-għażla. Bl-istess naqxiet tal-ħsieb jingħażlu bejniethom 1) errur 2) għelt 3) qerq u 4) żball.

Ġ. AQUILINA

(*Fadal*)